



29.9.2014

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** Petizzjoni 1153/2012, imressqa minn Gabi Schäffer, ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar livelli eċċessivi ta' storbju mill-ajruport ta' Frankfurt

Petizzjoni 0891/2013, imressqa minn Torsten Jäger, ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar l-istorbju tal-inġenji tal-ajru u d-dannu li jħalli fuq is-saħħa

### 1. Sommarju tal-petizzjoni 1153/2012

Il-petizzjonanta toġġezzjona għal-livelli eċċessivi ta' storbju kkawżati minn titjiriet lejn u minn l-ajruport ta' Frankfurt, u tindika li r-residenza tagħha ma bbenefikatx mill-pjan ta' azzjoni għall-prevenzjoni tal-istorbju minħabba li ma tinsabx f'wieħed mid-distretti eliġibbli. Hija tindika li bi frekwenza dejjem akbar, it-titjiriet qed jingħataw rotta li tgħaddi minn fuq ir-residenza tagħha sabiex tittaffa s-sitwazzjoni fin-nofsinar ta' Frankfurt, fejn b'mod effettiv il-problema tal-istorbju eċċessiv ġiet imċaqalqa fuq post ieħor mingħajr ma attwalment issolviet il-problema. Hija ssostni li d-dejta rilevanti u l-mapep tal-istorbju tal-2005/2006 u l-previżjonijiet ibbażati fuqhom huma żbaljati u li l-miżuri adottati s'issa mhumiex effettivi. Barra minn hekk, it-trajettorji attwali tat-titjiriet mhumiex inklużi fis-sett oriġinali ta' pjanijiet, il-livelli ta' storbju kkalkulati mhumiex realistiċi, il-livelli massimi ta' storbju (inklużi l-istandards tal-WHO) mhumiex qed jiġu mħarsa u mhumiex jitqiesu l-konsegwenzi ta' ħsara għall-individwi li billejl qed jorqdu biss ħames sigħat u nofs jew anqas b'riżultat tal-awtorizzazzjonijiet proviżorji ta' titjiriet billejl. Hija targumenta wkoll li huwa inaċċettabbli li l-impatt fuq is-saħħa tar-residenti lokali jiġi investigat biss wara snin ta' esponiment għal dawn il-livelli eċċessivi ta' storbju.

### Sommarju tal-petizzjoni 0891/2013

Il-petizzjonant jgħix f'belt żgħira fil-Ġermanja, li tinsab qrib it-trajettorji tat-titjiriet tal-ajruport ta' Frankfurt. Reċentement, trajettorja tat-titjiriet ġdida bdiet tiġi mħaddma fl-ajruport, bir-riżultat li kien hemm żieda fit-traffiku tal-ajru. Minkejja l-benefiċċji finanzjarji tagħha, din għandha impatt globali negattiv fuq il-kwalità tal-ħajja fiż-żona, kif ukoll fuq ir-residenti tal-belt żgħira fejn jgħix il-petizzjonant, peress li l-istorbju huwa eċċessiv. Huwa jilmenta li l-awtoritajiet jonqsu li jikkonformaw mal-projbizzjoni ta' titjiriet billejl u li l-biċċa l-kbira tal-abitanti ma jistgħux jorqdu biżżejjed, tant li ma jistgħux jaħdmu b'mod effiċjenti u b'hekk jonqsilhom id-dħul. Huwa jippreżenta s-sejbiet tal-istudji tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) li juru li l-istorbju huwa riskju għas-saħħa pubblika, u li l-esponiment fit-tul jikkawża firxa ta' korrimenti u mardiet kroniċi u serji, bl-istorbju ambjentali jikklassifika t-tieni wara t-tniġġis ambjentali bħala fattur li jirriżulta fi problemi tas-saħħa. Huwa jitlob tnaqqis fl-istorbju mit-titjiriet tal-ajruplani fiż-żona ta' Essen u l-konformità konsistenti mal-projbizzjoni fuq titjiriet billejl.

## 2. Ammissibilità

Il-Petizzjoni 1153/2012 ġiet iddikjarata ammissibbli fil-11 ta' Jannar 2013.

Il-Petizzjoni 0891/2013 ġiet iddikjarata ammissibbli fl-20 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

## 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-28 ta' Ġunju 2013

Skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/49/KE li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali<sup>1</sup> l-Istati Membri kellhom ifasslu pjanijiet ta' azzjoni għall-istorbju għal postijiet qrib ajruporti ewlenin (ajruporti b'aktar minn 50 000 titjira fis-sena) sat-18 ta' Lulju 2008. Dawn il-pjanijiet ta' azzjoni għall-istorbju għandhom jamministraw il-kwistjonijiet u l-effetti tal-istorbju u fejn meħtieġ jinkludu miżuri għat-tnaqqis tal-istorbju. L-Artikolu 8(7) tad-Direttiva jobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-pubbliku jiġi kkonsultat dwar il-pjanijiet ta' azzjoni għall-istorbju proposti; l-Anness V jelenka r-rekwiżiti minimi dwar il-kontenut tagħhom.

Il-Kummissjoni indirizzat mistoqsijiet lill-awtoritajiet Ġermaniżi dwar il-pjan ta' azzjoni għall-istorbju għal postijiet qrib l-ajruport ta' Frankfurt. Ġie kkomunikat li qed jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni biex jitnaqqas l-istorbju u se jiġi ppubblikat matul it-tieni kwart tal-2013. Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi kien hemm tnaqqis ta' madwar 19 100 persuna esposti għal Lnight ta' aktar minn 50 dB u ta' 119 500 persuna esposti għal Lden ta' aktar minn 55 dB bejn l-2006 u l-2011.

Il-miżuri biex jitnaqqas l-istorbju jibqgħu prerogattiva tal-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni ma tistax tobligha lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri speċifiċi għat-tnaqqis tal-istorbju. Id-devjazzjoni tar-rotot tat-titjiriet bil-għan li jitnaqqas in-numru kumplessiv ta' persuni esposti hija waħda mill-miżuri għat-tnaqqis tal-istorbju potenzjali validi.

Skont l-informazzjoni rrappurtata s'issa mill-awtoritajiet Ġermaniżi, il-villaġġ ta' Maintal mhux milqut minn Lden ta' aktar minn 55 dB jew Lnight ta' aktar minn 50 dB u għaldaqstant pjan ta' azzjoni u l-konsultazzjoni assoċjata miegħu mhumiex bilfors meħtieġa mid-Direttiva.

---

<sup>1</sup> ĠU L 189, 18.7.2002

## Konklużjoni

Il-Kummissjoni talbet informazzjoni mingħand l-awtoritajiet Ġermaniżi dwar pjan ta' azzjoni għall-istorbju għal postijiet qrib l-ajruport ta' Frankfurt kif meħtieġ mill-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/49/KE. L-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni hija mistennija fit-tliet xhur li ġejjin. Il-Kummissjoni se tinforma lill-Kumitat għall-Petitizzjonijiet dwar l-iżviluppi f'din l-investigazzjoni.

### **4. Risposta tal-Kummissjoni (REV), li waslet fil-31 ta' Marzu 2014**

#### **Petitizzjonijiet 1153/2012 u 891/2013**

Il-Kummissjoni għadha ssegwi s-sitwazzjoni, fost oħrajn, permezz tal-pjanijiet ta' azzjoni għall-istorbju li l-Istati Membri jridu jadottaw u jissottomettu lill-Kummissjoni - skont id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali<sup>1</sup>

L-abbozz ta' pjan ta' azzjoni għall-istorbju rigward l-ajruport ta' Frankfurt, li huwa bbażat fuq il-livelli ta' protezzjoni mill-istorbju stabbiliti fil-livell nazzjonali, kien disponibbli għall-konsultazzjoni pubblika mill-bidu ta' Settembru sa nofs Ottubru 2012 u jista' jinstab hawnhekk: [www.rp-darmstadt.hessen.de](http://www.rp-darmstadt.hessen.de).

Sommarju ta' dan l-abbozz ta' pjan ta' azzjoni ġie ppreżentat lill-Kummissjoni fis-17 ta' Jannar 2014 u jista' jinstab hawnhekk:

[http://cdr.eionet.europa.eu/de/eu/noise/df10/colutzdvw/envutzj0q/DE\\_HE\\_DF10\\_MAir\\_EDDF\\_v1.pdf](http://cdr.eionet.europa.eu/de/eu/noise/df10/colutzdvw/envutzj0q/DE_HE_DF10_MAir_EDDF_v1.pdf).

## Konklużjoni

Il-pjan ta' azzjoni finali u approvat meħtieġ mid-Direttiva 2002/49/KE għadu ma ġie ppreżentat lill-Kummissjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni se tkompli ssegwi s-sitwazzjoni.

### **5. Risposta tal-Kummissjoni (REV.II), li waslet fid-29 ta' Settembru 2014**

#### **Petitizzjonijiet 1153/2012 u 891/2013**

Id-Direttiva 2002/49/KE li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali<sup>2</sup> (minn hawn 'il quddiem: id-Direttiva) tirrikjedi li titfassal mappa tal-istorbju u li jitħejjew pjanijiet ta' azzjoni għall-agglomerazzjonijiet u toroq, ferroviji u arjuporti maġġuri. Id-Direttiva tapplika wkoll għal storbju minn siti ta' attività industrijali bħal dawk elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2010/75/KE<sup>3</sup>.

<sup>1</sup> Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali, ĠU L 189, 18.7.2002

<sup>2</sup> ĠU L 189, 18.7.2002

<sup>3</sup> ĠU L.334, 17.12.2010. Ir-referenza fid-Direttiva 2002/49/KE kienet għall-Anness I tad-Direttiva 92/61/KEE

Il-pjanijiet ta' azzjoni, sommarji li għandhom jitressqu lill-Kummissjoni, jeħtieġ li jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness VI tad-Direttiva. L-awtoritajiet Ġermaniżi ressqu s-sommarju tal-pjan ta' azzjoni dwar l-istorbju għall-Ajruport ta' Frankfurt. Dan is-sommarju huwa disponibbli fuq:

[http://cdr.eionet.europa.eu/de/eu/noise/df10/colu0alng/envu705wg/DE\\_HE\\_DF10\\_MAir\\_EDDF\\_v2.pdf](http://cdr.eionet.europa.eu/de/eu/noise/df10/colu0alng/envu705wg/DE_HE_DF10_MAir_EDDF_v2.pdf)

Il-pjan ta' azzjoni kollu jinsab fuq:

[http://www.rp-darmstadt.hessen.de/irj/RPDA\\_Internet?rid=HMdI\\_15/RPDA\\_Internet/sub/aec/aec40079-4fac-2731-79cd-aa2b417c0cf4,,22222222-2222-2222-2222-222222222222.htm](http://www.rp-darmstadt.hessen.de/irj/RPDA_Internet?rid=HMdI_15/RPDA_Internet/sub/aec/aec40079-4fac-2731-79cd-aa2b417c0cf4,,22222222-2222-2222-2222-222222222222.htm)

L-immappjar tal-istorbju rispettiv twettaq fl-2012.

Id-Direttiva ma tipprevedi l-ebda miżura għal tali pjanijiet ta' azzjoni, u lanqas ma tistabbilixxi limiti jew valuri fil-mira – għadha responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu dwar miżuri u biex jistabbilixxu kwalunkwe limitu ta' storbju jew valur fil-mira li jqisu utli jew meħtieġ.

Id-Direttiva tipprevedi li l-indikaturi tal-istorbju  $L_{den}$  u  $L_{night}$  għandhom jintużaw għall-immappjar strateġiku tal-istorbju<sup>1</sup>, u l-Anness I tad-Direttiva jipprevedi definizzjonijiet ta' dawn l-indikaturi tal-istorbju. Dawn huma tabilħaqq ibbażati fuq livelli ta' ħoss medji fuq perjodu twil. Aktar informazzjoni ta' sfond dwar l-armonizzazzjoni tal-proċess rigward l-indikaturi tal-istorbju tinsab fid-dokument ta' pożizzjoni dwar l-indikaturi tal-istorbju tal-UE, disponibbli fis-sit <http://ec.europa.eu/environment/noise/pdf/noiseindicators.pdf>. Barra minn hekk, indikazzjoni dwar l-implikazzjonijiet għas-saħħa tal-livelli ta' storbju differenti jistgħu jiġu kkonsultati f'pubblikazzjoni reċenti tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fis-sit [http://www.euro.who.int/\\_data/assets/pdf\\_file/0017/43316/E92845.pdf](http://www.euro.who.int/_data/assets/pdf_file/0017/43316/E92845.pdf)

Skont l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jużaw indikaturi oħrajn minflok  $L_{den}$  u  $L_{night}$  għall-ippjanar akustiku u tqassim f'żoni tal-istorbju.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-pubbliku jiġi kkonsultat u jingħata opportunitajiet bikrin u effettivi biex jieħdu sehem fit-tħejjija u fir-reviżjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni. Skont l-informazzjoni imressqa lill-Kummissjoni, il-pjan ta' azzjoni attwali ġie kkonsultat pubblikament. Ir-riżultati ta' din il-konsultazzjoni jinsabu fil-pjan ta' azzjoni nnifsu u fis-sommarju.

## Konklużjoni

Abbażi tat-tagħrif disponibbli f'dan l-istadju, il-Kummissjoni ma tista' tidentifika l-ebda ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

---

iżda minn issa għandha tinftiehem bħala referenza għall-Anness I tad-Direttiva 2010/75/EC. Din id-Direttiva tapplika għall-attivitajiet industrijali li qed jagħtu lok għat-tniġġis u li huma msemmija fil-Kapitoli II u VI tad-Direttiva.

<sup>1</sup> Sakemm l-Abbozz tad-Direttiva tal-Kummissjoni il-ġdid għall-istabbiliment ta' metodi komuni ta' valutazzjoni tal-istorbju skont id-Direttiva 2002/49/KE tidħol fis-seħħ, l-Istati Membri jistgħu jużaw indikaturi nazzjonali oħrajn, iżda jridu jbidluhom fl-indikaturi msemmija hawn fuq.

